

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

9.7.2007

B6-0284/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

imressqa minn Jaromír Kohlíček

f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar il-Pakistan

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Pakistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan dwar Sħubija u Żvilupp, li l-konklużjoni tagħha kienet approvata mill-Parlament fit-22 ta' April 2004,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-UE u l-Pakistan tat-8 ta' Frar 2007 dwar il-Ftehma ta' Koperazzjoni ta' l-2004, fejn iż-żewġ naħat impenjaw irwieħhom favur l-iżvilupp ta' djalogu politiku wiesa' formalizzat li jinkludi, fost ħwejjeġ oħra, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-non-proliferażżjoni, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Pakistan, b' mod partikulari dawk ta' l-10 ta' Frar 2004, u tat-22 ta' April 2004,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-President Musharraf ma implimentax l-impenn li ħa fl-1999 li 'l-forzi armati m'għandhom l-ebda intenzjoni li jibqgħu fil-poter iktar milli hemm bżonn biex iwittu t-triq sabiex tkun tista' tiffjorixxi demokrazija ta' vera fil-Pakistan';
 - B. billi sensiela ta' emendi kostituzzjonali taħt l-amministrazzjoni ta' Musharraf biddlet is-sistema politika tal-Pakistan b' mod sostanzjali, u billi dawn l-emendi rnexxielhom jittrasformaw is-sistema ta' governanza minn sistema parlamentari għal sistema presidenzjali, fejn il-President għandu s-setgħa li jmur kontra jew li jxolji l-parlament,
 - C. billi l-militar u s-servizz sigriet għad għandhom influwenza qawwija fil-politika, fil-gvern u fl-ekonomija tal-Pakistan,
 - D. billi l-ġrajjet reċenti, fosthom is-sospensjoni tal-Prim Imħallef tal-Pakistan fid-9 ta' Marzu fuq akkużi ta' kondotta ħażina li għadhom sa issa mhux ippruvati u l-protesti popolari li għadhom qed isiru u li bdew b'riżultat ta' din l-azzjoni, żiedu l-urġenza sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt fil-Pakistan,
 - E. billi l-aħħar konfronti fil-Moskea l-Ħamra u madwarha, li kkawżaw għadd kbir ta' mwiet, huma turija ċara tal-poter tal-moviment radikali Islamiku, u billi l-President Musharraf ma rnexxilux jirreaġixxi b' mod mgħaġġel jew deċiżiv kontra dan il-poter,
 - F. billi l-elezzjonijiet parlamentari, provinċjali u presidenzjali għandhom isiru aktar tard din is-sena,
 - G. billi s-sitwazzjoni rigward id-drittijiet tal-bniedem sejra lura, inklużi d-detenzjoni arbitrarja, it-ttrattament ħażin, it-tortura, u l-'għibien' ta' persuni suspettati b'terroriżmu

u ta' rivali politiċi, il-fastidji u l-intimidazzjoni tal-midja u d-diskriminazzjoni legali kontra n-nisa u l-minoritajiet reliġjużi u t-trattament ħażin tagħhom,

- H. billi fl-aħħar ftit xhur il-midja diġà ħabbtu wiċċhom ma' pressjoni immensa, sfurzar u attakki vjolenti min-naħa tal-gvern biex jipperswadihom ħalli jtaffu r-rappurtaġġ tal-protesti kontra l-gvern u l-kampanja paċifika; billi d-digrieti presidenzjali ta' l-4 ta' Ġunju jimponu restrizzjonijiet stretti fuq il-midja tax-xandir tal-pajjiż u jagħtu lill-Awtorità Pakistana għar-Regolamentazzjoni tal-Midja Elettronika (il-PEMRA) is-setgħa bla kontroll biex twaqqaf trażmissjonijiet tax-xandir, tagħlaq uffiċċji, tissekwestra tagħmir, tirrevoka liċenzji, u żżid iċ-ċitazzjonijiet b'għaxar darbiet,
- I. billi fl-2001 l-UE u l-Pakistan iffirmaw Ftehma ta' Koperazzjoni tat-tielet ġenerazzjoni, li l-Artikolu 1 tagħha jinkludi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi bħala element essenzjali,
- J. billi l-Pakistan huwa qawwa nukleari u parteċipant reġjonali importanti u għalhekk għandu responsabilità għolja għall-istabilizzazzjoni tar-reġjun;
1. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-kriżi politika li hemm għaddejja fil-Pakistan; huwa tal-fehma li t-tranżizzjoni għat-tmexxija demokratika hija l-unika soluzzjoni aċċettabbli għall-kriżi attwali;
 2. Jitlob lill-President Musharaf biex joqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' twaqqaf ir-ritorn tal-Pakistan għal gvern demokratiku permezz ta' elezzjonijiet ħielsa, ġusti u demokratiċi sa l-aħħar tas-sena; iwissi kontra l-impożizzjoni ta' stat ta' emerġenza jew ta' miżuri oħra biex jissopprimi l-libertà tal-kelma, ta' l-assoċjazzjoni, ta' l-għaqda u tal-moviment; jitlob li l-President Musharraf jirriżenja mill-kariga ta' kap ta' l-armata;
 3. Jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Kunsill u l-Kummissjoni għalqu għajnejhom quddiem ir-realtajiet politiċi fil-Pakistan; jistidinhom biex jagħtu sinjal ċar li l-bażi għall-kontinwazzjoni tal-koperazzjoni bejn l-UE u l-Pakistan hija d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkonsidra s-sospensjoni tal-Ftehma ta' Koperazzjoni skond l-Artikolu 2 jekk ma jseħħux elezzjonijiet ħielsa, ġusti u demokratiċi;
 4. Huwa mħasseb dwar għadd ta' aspetti fit-tħejjija għal dawn l-elezzjonijiet, b'mod partikulari dwar:
 - in-newtralità tal-gvern proviżorju li se jiġi ffurmat tliet xhur qabel l-elezzjonijiet u se jiġi maħtur mill-President Musharraf;
 - il-fatt li l-bacillerat huwa rekwiżit sabiex persuna toħroġ għall-elezzjoni; dan jeskludi 70% tan-nisa Pakistani milli joħorġu għall-elezzjoni. Jaħseb li mhuiwix aċċettabbli li l-lawrja tal-Madrassa titqies ekwivalenti għall-bacillerat;
 - in-nuqqas ta' leġittimità tal-President futur tal-Pakistan jekk dan se jiġi elett mill-Assemblea li wasal biex jispiċċalha l-mandat;

5. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar l-influwenza ta' l-armata Pakistana fuq il-politika u jstieden lit-tmexxija militari Pakistana biex toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni li tsita' xxekkel it-tranżizzjoni għad-demokrazija; huwa tal-fehma li hemm bżonn urġenti ta' miżuri biex tiġi limitata l-influwenza tal-militar u gruppi armati oħra fuq il-proċess politiku; jstieden lill-awtoritajiet Pakistani biex jiggwarantixxu li l-mexxejja politiċi li ġew eżiljati jkunu jistgħu jerġgħu lura fil-Pakistan u jipparteċipaw fl-elezzjonijiet;
6. Huwa mħasseb sewwa dwar is-sospensjoni tal-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema fuq akkużi ta' mgħiba ħażina allegata, li ġiet meqjusa minn bosta bħala sforz tal-gvern biex jżomm kontroll fuq il-ġudikatura fis-sena ta' l-elezzjoni; jitlob għar-rispett ta' l-indipendenza tal-ġudikatura u l-istat tad-dritt, iħeġġeġ lill-gvern tal-Pakistan biex jieħu passi xierqa biex ireġġa' lura t-tendenza negattiva attwali fir-rigward ta' dan u biex iżomm lura minn kull interferenza politika fil-każ li bħalissa qed jinstema' fil-Qorti Suprema;
7. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar id-dgħajfien kontinwu tal-libertà ta' l-istampa fil-Pakistan; jstieden lill-awtoritajiet Pakistani biex iwaqqfu l-użu ta' l-isfurzar, l-intimidazzjoni, il-ħtif u t-tortura, jew it-theddida ta' tortura, kontra l-midja u biex jiggwarantixxu libertà ta' l-essenzjoni ġenwina;
8. Huwa mħasseb dwar il-każijiet numerużi u dokumentati sewwa ta' 'għajbien', li involvew terroristi suspettati, ġurnalisti, studenti, membri tal-movimenti nazzjonalisti tal-Baloch u attivisti politiċi oħra; jenfasizza bil-qawwa li l-ħtif, il-qtil extra-ġuridiku u l-prigjunerija mingħajr proċess fil-qorti huma kontrarji għall-prinċipji fundamentali tal-liġi internazzjonali, inklużi d-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-proċess kif suppost;
9. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar it-tisħiħ tal-forzi fundamentalisti fil-Pakistan; jiddeplora bil-qawwa l-mewt ta' persuni ċivili waqt dimostrazzjonijiet politiċi fil-Karachi u l-vittmi tal-ġlied madwar il-Lal Masjid (il-Moskea l-Ħamra) f'Islamabad; jstieden lill-gvern Pakistani biex jevita li jkun hemm aktar vittmi ċivili;
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet demokratiċi fil-Pakistan, b'mod partikulari s-sitwazzjoni tan-nisa; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu pożizzjoni soda rigward il-ħarsien tal-klawsola tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet tagħhom, biex ifittxu djalogu politiku intensiv dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-Kashmir, u jeżiminaw il-possibilità li jiġu organizzati djalogi speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-twaqqif ta' sottokomitati speċifiċi għad-drittijiet tal-bniedem, kif sar f'xi pajjiżi oħra;
11. Isemma' t-tħassib tiegħu dwar l-irwol tal-Pakistan u l-isforzi inadegwati tal-gvern Pakistani biex jagħmel kontribuzzjoni kostruttiva għall-paċi u r-rikostruzzjoni fl-Afganistan; iħeġġeġ lill-gvern Pakistani biex jieħu passi immedjati u effettivi għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe forza politika jew armata milli tuża t-territorju tiegħu bħala kenn u bħala bażi għal operazzjonijiet fl-Afganistan;
12. Jstieden lill-Pakistan, u kif ukoll lill-Indja, biex jirratifikaw l-NPT u biex jikkontribwixxu b'mod kostruttiv għat-tisħiħ tas-sistema ta' proliferazzjoni nukleari; jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-twaqqif ta' żona ħielsa mill-armi nukleari fl-Asja t'Isfel;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-

Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-gvern tal-Pakistan.